MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2013

Talba Numru. 754/2012

**Giovanna Cachia K.I. 28891(M)**

**vs.**

**Stephen Agius K.I. 720279(M)**

It-Tribunal

**Preliminari**

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu l-attriċi talbet il-ħlas tas-somma ta' elf Ewro (€1000) dovuta mill-intimat, rapprezentanti spejjeż ta' *nursery fees* li hija inkorriet għall-minuri Kelly Agius minn Lulju 2011 sa Settembru 2012 u dan skond ftehim iffirmat bejn il-partijiet u debitament awtorizzat mill-Qorti; bl-ispejjeż inkluża l-ittra uffiċjali taħt l-Artikolu 166A (Ittra numru 2211/2012) u bl-imgħax mill-4 t'Ottubru 2012.

Ra illi l-konvenut, debitament notifikat, ippreżenta r-risposta tiegħu fejn huwa eċċepixxa:

1. Illi t-talba tar-rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħha, billi d-digriet datat 30 ta' Marzu 2011 tilef il-validita` tiegħu bit-trepass taż-żmien u m'għandu l-ebda effett fil-liġi;

2. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti trid tressaq provi sodisfaċenti in sostenn tal-ammont minnha pretiż;

3. Illi l-esponent m'għandu jħallas xejn lill-attriċi.

4. In sussidju u mingħajr preġudizzju għall-eċċipjent dwar l-ispejjeż allegatament inkorsi minnha w għalhekk l-eċċipjent qatt ma kien f'posizzjoni li jikkonsidra għandux iħallas xi ammont u għalhekk m'għandux ibati l-ispejjeż ta' din il-kawża.

Ra n-nota pprezentata mill-konvenut fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2013, illi permezz taghha huwa ammetta t-talba izda zamm ferm il-kap tal-ispejjez.

Sema l-provi kemm dwar il-mertu u wkoll dwar il-kap tal-ispejjeż. Ra d-dokumenti esebiti.

Sema t-trattazzjoni dwar il-kap tal-ispejjeż.

Ra l-verbal tas-seduta tat-18 t'April 2013 fejn il-kawża ġiet differita għal-lum għas- sentenza.

**Fatti**

Il-partjiet għalkemm qatt ma kienu miżżewġin, għandom bint minuri li jisimha Kelly imwielda fis-27 ta' Marzu 2010. Illi sabiex jistgħu jirregolaw il-kura u l-kustodja, l-aċċess u l-manteniment tal-istess minuri, huma resqu għal ftehim datat 25 ta' Marzu tas-sena 2011 u debitament awtorizzat mill-Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja).

F'dan il-ftehim, il-partijiet qablu illi bejniethom għandhom iħallsu l-ispejjeż edukattivi tal-minuri u speċifikaw fl-istess ftehim fl-artikolu 5(ii) illi l-ispejjeż edukattivi jinkludu *nursery fees.*

Illi effettivament il-minuri tattendi *nursery* li jisimha "Kelly's" u li tinsab ġewwa Blata l-Bajda. Il-miżata għall-istess nursery tammonta għal €200 għal ċirka 290 siegħa.

Illi l-attriċi permezz ta' din il-kawża qed titlob il-ħlas mingħand il-missier ta' sehemu minn għaxar irċevuti li komplessivament jammontaw għal €2000, u għaldaqstant sehem il-missier huwa n-nofs cioe €1000.

Illi l-konvenut, filwaqt li jammetti li dan l-ammont huwa dovut, jikkontendi li m'għandux iħallas l-ispejjeż tal-kawża kif mitluba mill-attriċi u dana stante li huwa ma kienx jaf għal xiex kien l-ammont pretiż mill-attriċi.

L-attriċi fl-affidavit tagħha tikkonferma illi kienet bagħtet ittra legali lill-konvenut sabiex titolbu jħallas dawn il-miżati, liema ittra datata 20 t'Awwissu 2012, sussegwentement ġiet minnha esebita u mmarkata dok. GC6.

Il-konvenut jgħid bil-ġurament li ma rċeviex din l-ittra u dana minkejja li nbagħtet fl-indirizz residenzjali tiegħu.

Wara l-ittra legali, l-attriċi bagħtet ukoll lill-konvenut ittra uffiċjali ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, liema ittra li tinsab fil-proċess immarkata dok. GC7, ġiet notifikata lill-konvenut fl-10 t'Ottubru 2012.

Fit-23 t'Ottubru 2012, l-konvenut ippreżenta risposta tiegħu fejn huwa oppona għat-talba ghall-ħlas min-naħa

tal-mittenti *inter alia* għaliex l-ammont reklamat mhuwiex dovut.

Fit-3 ta' Novembru 2012, ġiet intavolata l-kawża odjerna.

Dr. Albert Zerafa, difensur tal-konvenut, xehed f'dawn il-proċeduri fejn spjega illi meta l-patroċinat tiegħu intavola r-risposta tiegħu, huwa nforma lid-difensur tal-attriċi illi jekk ikollu spjegazzjoni tal-irċevuti annessi mal-ittra uffiċjali, l-konvenut kien dispost li jħallas ratealment. Il-konvenut xehed, illi min-naħa tiegħu huwa ma kellimx lill-attriċi dwar l-ittra uffiċjali li kienet bagħtitlu.

**Konsiderazzjonijiet**

Ikkunsidra:

Il-konvenut kien konsapevoli li bintu minuri Kelly kienet tattendi nursery u dana jirriżulta mill-istess ftehim ta' bejn il-partijiet fejn fi klawżola 2 (c), il-partijiet qablu li darba fil-ġimgħa l-omm kellha tgħaddi l-minuri lill-missier minflok ma teħodha in-nursery.

Huwa kien konsapevoli wkoll li nursery tiswa l-flus u li huwa kellu jħallas nofs il-miżata għall-istess *nursery*. Min-naħa tiegħu qatt m'offra l-flus tal-miżata lill-attriċi (għajr wara li nfetħu dawn il-proċeduri). Meta notifikat bl-ittra uffiċjali, baqa' ma kellimhiex, u uffiċjalment irrespinġa t-talbiet tagħha. Lanqas ma ħa l-inizjattiva li anke jekk ma qabilx dwar il-quantum tal-ammont pretiż mill-attriċi, iħallasha xi parti minnu, jew ossia jiddepożitah il-Qorti.

L-aġir tal-konvenut, jirriżulta fil-fehma tat-Tribunal, li huwa ta' ġenitur li qed jaħrab mill-obbligi tiegħu versu bintu, anke forsi b'pika mal-parti l-oħra, bl-iskuża li ma kienx jaf għal xiex kien mitlub l-ammont mill-attriċi. Xejn ma żamm lill-attur milli jivverifika l-ammont pretiż mill-attriċi. Lanqas kien imissu qagħad jistenna lill-attriċi titolbu l-miżata iżda kien imissu qabad minn jeddu u taha pagament akkont. Għaldaqstant, it-Tribunal ma jistax japprova dan l-aġir irresponsabbli u inkejjuż tal-konvenut, billi jeżentah milli

jħallas l-ispejjeż legali li kellha tinkorri l-attriċi biex tiġi rifuża lilha s-somma mħallsa għall-minuri li m'hijiex biss bintha iżda hija wkoll bintu.

**Decide**

Ghaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din il-kawża billi fuq ammissjoni tal-istess konvenut, jikkundanna lill-konvenut jħallas lill-attriċi s-somma ta' elf Ewro (€1000), bl-imgħax legali mill-4 t'Ottubru 2012, li hija d-data tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi u numerata 2211/2012, sad-data tal-pagament effettiv.

Rigward l-ispejjeż, għar-raġunijiet suesposti, it-Tribunal qiegħed jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi l-ispejjeż ta' din il-kawża inkluż tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi u numerata 2211/2012.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------